Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 607 / 2016

Il-Pulizija

Vs

Teodosio Baldacchino

Illum 28 ta' Gunju, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Teodosio Baldacchino detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 247662 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 t' Awissu 2016 ghall-habta tal-10:0O gewwa 132, Mary Lee, Triq ir-Rebbiegha, s-Siggiewi :-

1 lngurjajt u heddidt lil Leonise Pace ( Environment Health Practioner - Ministry of Health and Energy ) persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaahha jew li tinfluwixxi fuqha kontra taghha fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2 U wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ma hallejtx u fixkilt lil Leonise Pace (ufficjal pubbliku) waqt li kienet taghmel id-

dmirijiet taghha jew b' xi mod iehor, jew bla jedd, indhalt fi dmirijieta, billi ma hallejtx lil Leonis Pace taghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b' xi mod iehor li jkun.

3 U wkoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek min awtorita (Leonise Pace Uffiċjal Pubbliku) jew ta wieħed li jkun inkarigat min servizz publiku.

4 U wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta mitlub, irrifjutajt li taghti, jew tajt falz lil Leonise Pace (ufficjal pubbliku) waqt il-qadi ta' dmirijieta.

5 II-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija taplika sec 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-parti kwerelanta (Leonise Pace ufficjal pubbliku)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li semgħet ix-xiehda tal-parte civile kif ukoll dik tal-imputat u għarblet sewwa din ix-xiehda bil-mezzi u skont il-kriterja stabbiliti mill-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali kemm lill-parte civile kif ukoll lill-imputat, ikkonkludit li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjonijiet. Mhux l-istess jista' jingħad għar-raba imputazzjoni. Il-ħames imputazzjoni ma hija imputazzjoni xejn għaliex hija miżura li l-Qorti tista' tadotta fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 17, 95 (1), 338 (g) (ee) u 383 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li sabet lill-imputat Teodosio Baldacchino għar-raġunijiet premessi mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena, sabithu ħati tal-imputazzjonijiet numri wieħed, tnejn u tlieta filwaqt li qieset li l-ħames imputazzjoni ma hija imputazzjoni xejn u

għalhekk, mingħajr preġudizzju għal dak mistqarr aktar l-isfel astjenit milli tieħu konjizzjoni tagħha bħala imputazzjoni.

Illi kwantu għall-piena qieset li minħabba ċ-ċirkostanzi li sawru dan ir-reat wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti illiberat lill-ħati bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mill-lum non che qed jiġi wkoll ikkundannat li jħallas multa ta' tminn mitt euro ( €800 ).

Il-Qorti iddikjarat li qabel ma għamlet din l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija fissret sew lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu ġie misjub ħati illum.

Apparti dan, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Leonise Pace u sabiex tissalvagwardja l-ordni pubbliku rabtet lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena taħt penali t' elf euro ( €1000 ).

Inoltre fid-dawl tal-fattispecie f' dan il-każ, il-Qorti irrakkomandat lid-Direttur tal-Environmental Health Directorate sabiex għall-ispezzjonijiet futuri fil-fond tal-imputat, jibgħat uffiċjal ieħor minflok il-parte civile f' dan il-każ, u ordnat komunika ta' din is-sentenza lill-istess Direttur tal-Environmental Health Directorate.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Teodosio Baldacchino, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-2 ta' Dicembru 2016 u tghaddi biex tillibera lill-appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma s-segwenti:

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u skartat it-tezi tad-difiza meta l-fatti juru b' mod car li l-appellant qatt ma hedded jew ingurja lil Leonise Pace. Illi wiehed ghandu jissindka l-fatt li minkejja li l-akkadut sehh nhar l-10 ta' Awwissu 2016, il-kwerelant hasset biss il-htiega li taghmel rapport lill-Pulizija diversi granet wara u sewwa sew nhar l-1 ta' Settembru 2016. Illi hekk kif johorog ben tajjeb mix-xhieda, il-kwerelanta tat spjegazzjoni ghal dan id-dewmien u cioe, hi spjegat li qabel ma' mexxiet bir-rapport mal-Pulizija hi riedet tevalwa l-possibilita' li tiehu azzjoni interna permezz ta' proceduri mad-Dipartiment ma' liema hija taghmel parti. Mix-xhieda juri bic-car l-animu li biha agixxiet il-kwerelant, b'mod partikolari l-fatt li l-kwerelanta ghazlet li tevalwa liema kienet l-iktar triq li setghet taghmel hsara lill-appellanti bi tpattija ta' l-agir tieghu. Dan juri bic-car li ghalhekk l-ewwel akkuza qatt ma tista tissussti u dan ghaliex il-fatt li l-kwerelanta evalwat ir-rimedji taghha qabel ma mexxiet bir-rapport mal-Pulizija Ezekuttiva juri bic-car li qatt ma setghet immaterjalizzat biza' jew kien hemm xi forma ta' ingurji jew theddid fil-konfront taghha dan ghaliex jekk fil-pessima ipotezi kien hemm, l-unika rimedju kien ikun dak awtomatikament taht il-protezzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva u zgur li rapport intern biex jigi sanzzjonat in-numru ta' tigieg li l-esponenti jrabbi fuq il-bejt li ikkontemplat taghmel l-esponenti ma kien sejjer qatt jindirizza l-ingurji u t-theddid li tghid li sofriet il-kwerelanta. Illi aktar minn hekk, l-appellanti kategorikament jichad li hu irrabja, offenda jew ingurja lil Leonise

Pace tant li qatt ma ngiebet prova ta' l-ingurji u t-theddid u fil-fatt ma saru l-ebda.

2. Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-Ewwel Qorti ukoll naqset li taghmel apprezzament gust tal-provi. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li mhux talli ma hemmx kunflitt ta' provi jekk l-esponenti fixkilx jew le lill-kwerelanta milli taghmel xogholha, izda talli johrog ampjament mix-xhieda ta' l-esponenti, liema xhieda wkoll hi korraborata minn dik tal-kwerelanta li minkejja li l-appellanti kien sejjer ghal triqtu ghand id-dentist minhabba urgenza, hu kien lest li jilqaghha ghandu u sahansitra tellaghha fuq il-bejt u f'kwaunkwe post mehtieg. Dan zgur ma jistghax jigi kkundannat bhala atteggjament ta' persuna li ghandha l-forma mentis sabiex ma thallix jew tfixkel lil Leonise Pace milli taqdi d-dmirjiet taghha. Illi l-unika oggezzjoni da parti ta' l-esponenti kien biss meta hu esprima x-xewqa li l-kwerelanta ma tiehux ritratti ta' bjut ohra mhux proprjeta' tieghu minn fuq il-bejt tieghu. L-appellanti dejjem sostna ferm it-tezi tieghu, u cioe li hu ma xtaqtx li jsir dan minhabba li ma riedx ikun komplici fi ksur ta' drittijiet fundamentali ta' privatezza u ligijiet fir-rigward tad-*Data Protection*. Dan juri z-zelu u r-reqqa li biha jimxi l-esponenti, liema agir qatt ma jistgha jkun deplorevoli u se mai ghandu jigi addottat minn min qieghed jagixxi fiz-zarbun ta' ufficjal pubbliku.

3. Illi johrog kjarament mill-provi prodotti li anki fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija. Illi jekk wiehed kellu jikkoncedi minghajr pregudizzju li fil-pessima ipotezi l-ewwel zewg akkuzi jissussitu, it-tielet akkuza zgur li ma tistax tirrizulta. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li fl-ebda hin ma inghatat ordni legittima li ma gietx obduta mill-appellanti. Tant hu hekk li l-kwerelanta qatt ma ilmentat li ma hallijhiex taccedi fuq il-proprjeta' jew naqas li jifthilha l-bieb. Ma kien hekk l-ebda forma ta' ordni ohra li l-appellanti naqas li jezegwixxi tant li ma ngabet l-ebda prova ohra f'dan ir-rigward.

4. Salv aggravji ohra;

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi fil-grad mehtieg mill-ligi sabiex tinsab reita' ghall-ewwel tlett akkuzi addebitati lill-appellanti u li taghhom huwa gie misjub hati. Ghaldaqsant iqies is-sejbien ta' htija tieghu bhala wahda '*unsafe and unsatisfactory*'. Dan ghaliex fl-ewwel lok jichad illi huwa hedded lil Leonise Pace, Environmental Health Officer li marret taghmel spezzjoni fir-residenza ta'l-appellanti fuq rapport li sarilha in konnessjoni ma' hmieg fuq il-bejt ta' din ir-residenza. Jichad ukoll illi huwa fixkel lil din l-ufficjal pubbliku fil-qadi tax-xoghol taghha u finalment jichad ukoll li naqas milli jobdi xi ordni lilu moghtija minn din il-persuna.

Issa din il-Qorti kellha l-okkazzjoni tisma' mill-gdid ix-xhieda f'din il-vertenza li essenzjalment kienet tikkonsisti fix-xhieda tat-tnejn minn nies involuti f'din il-konfrontazzjoni. Pace minn naha taghha tishaq illi l-appellanti meta rinfaccjat bir-rapport li kien sar kontra tieghu, ghalkemm ippermettielha tidhol fir-residenza tieghu, madanakollu ma riedx ihallieha tiehu ir-ritratti tal-post, irrabbja meta wissietu illi minhabba l-annimali li kellu fuq il-bejt ma setax jahsel il-bejt bl-ilma li imbaghad imur ghal gol-*rain water pipe* u irrifjuta ukoll jaghtieha id-dettalji tieghu. *Di piu'* issostni illi huwa heddidha li kien ser jaqlibha it-tarag filwaqt li kienet niezla it-tarag sabiex titlaq 'il barra. L-appellanti jichad illi qal dan il-kliem u ghalkemm jammetti illi huwa ma xtaqx illi Pace tiehu ritratti ta' proprjeta ta' terzi minn fuq il-bejt tieghu, jichad izda illi huwa fixkilha fil-qadi ta' dmirijietha u jishaq illi fl-ebda mument ma talbitu id-dettalji tieghu. Jikkontendi illi dak in-nhar kien sejjer ghand id-dentist minhabba li kien mugugh bid-darsa,

meta tfaccat Pace fuq l-ghatba tal-bieb. Ighid li infurmaha li ma setax ikellimha minhabba f'dan l-inkonvenjent li kellu dak-inhar.

Issa fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, l-Ewwel Qorti rinfaccjata b'dan il-kunflitt fil-provi, ghazlet li taghti affidament lix-xhieda tal-parti leza u mhux dik ta'l-appellanti u dan billi mxiet mal-kriterji stabbiliti fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali u mall-ewwel tistqarr illi l-appellanti m'ghandux ragun fil-lanjanzi minnu intentati. Ibda biex kif jirrizulta mix-xhieda tieghu stess, dak in-nhar meta tfaccat Pace biex taghmel l-ispezzjoni huwa kien mugugh b'darsa u kien sejjer ghand id-dentist. Huwa indubitat ghalhekk illi f'dak il-mument ma kellux pjacir biha ghaliex kif ighid huwa stess kien qed isib diffikulta biex jitkellem minhabba fl-ugigh. Huwa indubitat ukoll illi ma hax pjacir bir-rapport li kien sar kontrieh mill-gar tieghu, li mieghu jidher li ghandu xi divergenzi. Jammetti hu stess li beda izomm lil Pace milli tiehu ir-ritratti li xtaqet sabiex taqdi dmirijietha ghaliex dehrlu illi ma kellux jaghtiha permess tiehu ritratti minn fuq il-bejt tieghu ghal fuq bejt ta' terzi.

Issa l-element formali li isawwar ir-reat addebitat lill-appellanti tal-oltragg lill-ufficjal pubbliku huwa proprju l-intenzjoni li jigi imxekkel l-ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu. Illi din kienet proprju l-intenzjoni ta'l-appellanti meta accediet Pace fir-residenza tieghu. Jidher illi anke kellu xi suspetti illi din Pace kienet relatata mal-persuna li kien ghamel ir-rapport, kif jallega anke fil-kors tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, suspetti madanakollu li ma humiex sostanzjati mill-provi. Kwindi din il-Qorti fid-dawl ta' dan kollu tqies illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment taghti affidament lix-xhieda tal-parti leza u tiskarta dik ta'l-appellanti u allura, wara li hija stess semghet ix-xhieda mill-gdid, ma tarax illi ghandha ghalfejn tvarja d-decizjoni impunjata.

Illi finalment billi l-appellanti naqas milli jaghti d-dettalji tieghu, meta gie mitlub jaghmel dan minn din l-ufficjal pubbliku, kwindi anke l-akkuza kontravvenzjonali tirrizulta ippruvata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha bit-terminu ta' sena ai termini ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9, jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur